# Mejju

Joe P. Galea

1.

Ward miġnun iġibli Mejju,
ward iġammar bix-xewqat:
niġbru f'ħoġri nsir splużjoni
– ġerħa mberrħa – ta' kustat …

Jaqa' d-demm,
sal-aħħar qtar …

Ward dan Mejju
ward tan-nar.

2.

Il-petali ilsna jfittxu
jinfdu jferu lis-smewwiet.
Il-petali fjammi jerħu
lili rmied.

Il-ward
aktar
m'għadux ward.
Il-ward sar
l-uġigħ tal-art.

3.

Ward miġnun il-ward ta' Mejju:
ward li xxommu, jestasjak;
ward li taqtgħu, jitfgħek f'fondoq
t'għatx ma jehda jiffjammak …

Ward jerħik
miftuħ kustat.

Ward iwerżaq,
iddisprat.